

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-9 ta' Ġunju 2011 — Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE vs Il-Bank Ċentrali Ewropew

(Kawża C-401/09 P) ⁽¹⁾

(Appell — Ammissibbiltà — Prokura — Konsorzju — Kuntratti pubbliċi — Proċedura nnegozjata — Servizzi ta' konsulenza u ta' żviluppi informatiċi — Ċaħda tal-offerta — Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali — Interess ġuridiku — Raġuni ta' esklużjoni — Awtorizzazzjoni stabbilita mid-dritt nazzjonali — Obbligu ta' motivazzjoni)

(2011/C 226/05)

Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (rappreżentant: N. Korogiannakis, dikigoros)

Appellat: Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: F. von Lindeiner u G. Gruber, aġenti)

Suġġett

Appell mid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) (li issa saret il-Qorti Ġenerali), tat-2 ta' Lulju 2009 fil-Kawża T-279/06, Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE vs Il-Bank Ċentrali Ewropej (BĊE) li jiċħad talba intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), tal-31 ta' Lulju 2006, li tiċħad l-offerta magħmula mill-appellanti fil-kuntest tal-proċedura nnegozjata għall-provvista ta' servizzi ta' konsulenza u ta' żviluppi informatiċi lill-BĊE (ĠU 2005, S 137-135345), kif ukoll tad-deċiżjoni li l-kuntratt jingħata lil offerent ieħor

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 11, 16.01.2010

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-9 ta' Ġunju 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supremo Tribunal de Justiça — il-Portugall) — José Maria Ambrósio Lavrador, Maria Cândida Olival Ferreira Bonifácio vs Companhia de Seguros Fidelidade-Mundial SA

(Kawża C-409/09) ⁽¹⁾

(Assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur — Direttivi 72/166/KEE, 84/5/KEE u 90/232/KEE — Dritt għal kumpens mill-assigurazzjoni obligatorja kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur — Kundizzjonijiet għal limitazzjoni — Kontribuzzjoni tal-vittma għad-danni sostnuti minnha — Responsabbiltà għal riskju — Dispożizzjonijiet applikabbli għal terz minuri li jkun vittma ta' aċċident)

(2011/C 226/06)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Supremo Tribunal de Justiça

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: José Maria Ambrósio Lavrador, Maria Cândida Olival Ferreira Bonifácio

Konvenuta: Companhia de Seguros Fidelidade-Mundial SA

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Supremo Tribunal de Justiça — Interpretazzjoni tal-Artikolu 1 tat-Tielet Direttiva tal-Kunsill 90/232/KEE, tal-14 ta' Mejju 1990, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 249) — Portata tal-kopertura tal-assigurazzjoni obligatorja favur terzi — Dispożizzjonijiet applikabbli għal terzi minuri li jkunu vittmi ta' aċċident

Dispożittiv

Id-Direttiva tal-Kunsill 72/166/KEE, tal-24 ta' April 1972, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur, u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà, it-Tieni Direttiva tal-Kunsill 84/5/KEE, tat-30 ta' Diċembru 1983, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur, u t-Tielet Direttiva tal-Kunsill 90/232/KEE, tal-14 ta' Mejju 1990, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux dispożizzjonijiet nazzjonali li jaqgħu taħt id-dritt tar-responsabbiltà ċivili li jippermettu